Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali<sup>(1)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(6)(a), l-Artikolu 47(2)(b), l-Artikolu 54(4)(a) u (b) u l-Artikolu 90(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jintegra f'qafas leġiżlattiv wieħed ir-regoli applikabbi għall-kontrolli uffiċjali fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni sabiex tīgi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-katina agroalimentari tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dak ir-Regolament iħassar u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup> u atti oħra tal-Unjoni li jirregolaw il-kontrolli uffiċjali f'oqsma speċifiċi.
- (2) Skont ir-Regolament (UE) 2017/625, ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi dejjem għand-hom jiġu ppreżentati f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera biex jitwettqu kontrolli uffiċjali qabel id-dħul tagħhom fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 47(1)(d) u (e) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistipula li l-oġġetti soġġetti għal miżuri li jeħtieġ żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali jew miżuri ta' emerġenza rispettivament, għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera mad-dħul tagħhom fl-Unjoni.
- (3) F'dan ir-rigward, skont ir-Regolament (UE) 2017/625, ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'dawk il-każijiet fejn il-Kummissjoni ddeċidiet, permezz ta' atti ta' implettazzjoni, li dawn il-kontrolli huma meħtieġa minħabba riskju magħruf jew emerġenti jew minħabba li hemm evidenza ta' nuqqas ta' konformità serja misfruxa mal-leġiżlazzjoni tal-katina agroalimentari tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-lista ta' tali oġġetti, billi tindika l-kodiċċijiet tagħhom min-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stipulat fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2658/87<sup>(4)</sup> (minn hawn 'il quddiem, "il-lista") u taġġonna l-lista kif meħtieġ biex tirrifletti kwalunkwe żvilupp f'dan ir-rigward.

<sup>(1)</sup> ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tīgi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

- (4) F'dan l-istadju, il-lista msemmija fil-premessa (3) għandha tikkonsisti minn lista aġġornata ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 (⁹), li jistipula r-regoli dwar il-livell miżjud ta' kontrolli uffiċjali li għandhom jitwettqu f'punti tad-dħul magħżulin fl-Unjoni fuq importazzjoni jiet ta' ġertu ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ġerti pajjiżi terzi. Għalhekk huwa xieraq li fl-Anness I ta' dan ir-Regolament tigħi stabbilita l-lista ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ġerti pajjiżi terzi li għandhom ikunu soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni, skont l-Artikolu 47(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (5) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dwar il-frekwenza ta' kontrolli tal-identità u ta' kontrolli fizċi għall-ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ġerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli, skont l-Artikolu 54(4)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, billi jitqies b'mod partikolari l-livell ta' riskju assoċċjat mal-periklu kkunsidrat u l-frekwenza ta' rifjuti fil-fruntiera.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2017/625 u l-atti delegati u ta' implementazzjoni li ġew adottati skont l-Artikoli 47 sa 64 ta' dak ir-Regolament, jipprevedi sistema unika waħda ta' kontrolli uffiċjali li tapplika għall-oqsma koperti mir-Regolamenti ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 (⁹), (UE) 2015/175 (⁷), (UE) 2017/186 (⁹), (UE) 2018/1660 (⁹) u mir-Regolament (KE) Nru 669/2009. Għal din ir-raġuni, u peress li r-regoli koperti f'dawn ir-regolamenti huma sostanzjalment relatati flimkien, peress li dawn kollha jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' miżuri addizzjonali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ġertu ikel u għalf minn ġerti pajjiżi terzi minħabba risku identifikat u li japplikaw skont il-gravità tar-riskju, huwa xieraq li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni korretta u komprensiva tar-regoli rilevanti billi f'att wieħed jiġu stabbiliti d-dispożizzjoni jiet li jikkonċernaw iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali fuq ġertu ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali u l-miżuri ta' emerġenza li attwalment huma stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti.
- (7) L-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali soġġett għall-miżuri ta' emerġenza stabbiliti fir-Regolamenti ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 għad-hom joħolqu riskju serju għas-saħħa pubblika li ma jistax jittrażżan b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri li jit-tieħdu mill-Istati Membri. Għalhekk huwa xieraq li fl-Anness II ta' dan ir-Regolament tigħi stabbilita lista ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali soġġetti għal miżuri ta' emerġenza li tkun tikkonsisti mil-listi aġġornati ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali stipulati fir-Regolamenti ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660. Barra minn hekk, l-ambitu tal-entrati fil-listi msemmija hawn fuu jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi forom ta' prodotti li bħalissa mħumiex imniżżi li fih kemm il-darba dawn il-forom jippreżentaw l-istess riskju. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġi emendati l-entrati kollha li jikkonċernaw il-karawett biex jinkludu l-pasta taż-żrieragħi żejtn u residwisolidi oħrajn, kemm jekk mitħunin u kemm jekk le, inkella fil-forma ta' pelits, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett, kif ukoll l-entrata li tikkonċerna l-bżarrijiet mill-Indja biex timkludi l-bżarrijiet mixwija (ħelwin jew il-bqja li mħumiex).
- (8) Barra minn hekk, bil-għan li jiġi żgurat kontroll xieraq tar-riskji għas-saħħa pubblika, ikel kompost li fih xi wieħed mill-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkat fl-Anness II minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatos-sini fi kwantità ta' aktar minn 20 % ta' jew prodott wieħed jew bħala t-total tal-prodotti elenkti, u li jaqa' taħt il-Kodiċijiet NM stipulati fl-Anness II, għandu jiġi inkluż fil-lista msemmija fil-premessa (7).
- (9) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dwar il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u kontrolli fizċi għal-ikel u għalf soġġett għal miżuri ta' emerġenza skont dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 54(4)(b) tar-Regolament (UE) 2017/625. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbiliti regoli bħal dawn f'dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-livell ta' riskju assoċċjat mal-periklu kkunsidrat u l-frekwenza ta' rifjuti fil-fruntiera.

(⁹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jipplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ġertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).

(⁷) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 tat-13 ta' Awwissu 2014 li jipponi kundizzjonijiet speċjali għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ġertu għalf u ikel minn ġerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatox-tossini u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009 (ĠU L 242, 14.8.2014, p. 4).

(⁸) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/175 tal-5 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali applikabbi għall-importazzjoni għall-gomma tal-gwar li toriġina mill-Indja jew li tintbagħha minn hemm, minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mill-pentaklorofen u mid-diōssini (ĠU L 30, 6.2.2015, p. 10).

(⁹) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/186 tat-2 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsejni minn ġerti pajjiżi terzi minħabba l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 669/2009 (ĠU L 29, 3.2.2017, p. 24).

(⁷) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1660 tas-7 ta' Novembru 2018 li jipponi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ġertu ikel li mhux ġej mill-annimali minn ġerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni b'residwi ta' pestičċi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 669/2009 u li jħassar ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 885/2014 (ĠU L 278, 8.11.2018, p. 7).

- (10) Miżuri li jeħtieġu żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal ikel u għalf maħsub għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni peress li dawn l-oġġetti jirrappreżentaw riskju mil-lat tas-saħħa pubblika.
- (11) Fir-rigward ta' kunsinni mibgħuta bħala kampjuni tal-kummerċ, kampjuni tal-laboratorju jew bħala oġġetti għal wiri f'esibizzjonijiet, li mhumiex maħsuba li jitqiegħdu fis-suq, il-kunsinni mhux ta' natura kummerċjali maħsuba għal użu privat jew konsum fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni u l-kunsinna maħsuba għal skopijiet xjenitif, minnħabba r-riskju baxx li tali kunsinni joħolqu għas-saħħa pubblika, ikun sproporzjonat li jiġi impost rekwiżiit li dawn il-kunsinni jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali fpostijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali jew mir-riżultati tal-analiżijiet tal-kampjunar u tal-laboratorju skont dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex jiġi evitat użu ħażin, dan ir-Regolament għandu japplika għal dawn il-kunsinni fil-każ fejn il-piż gross tagħhom jaqbeż ċertu limitu ta' piż.
- (12) Miżuri li jeħtieġu żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhom japplikawx għal ikel u għalf abbord mezzi ta' trasport li joperaw fuq livell internazzjonal li mhumiex bla tagħbi u li huma maħsuba ġħall-konsum mill-ekwipaq u l-passiġġieri peress li t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni huwa limitat ħafna.
- (13) Il-livelli massimi ta' mikotossini, inklużi l-aflatossini fl-ikel huma stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006<sup>(10)</sup>, u fl-għalf mid-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(11)</sup>. Il-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi huma stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(12)</sup>. Il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għad-Diossini u l-polikklorobifenili (PCBs) fl-ikel u l-għalf wettaq studju dwar il-korrelazzjoni bejn il-pentaklorofenol (PCP) u d-diōssini fil-gomma tal-gwar ikkontaminata mill-Indja. Minn dan l-istudju wieħed jista' jikkonkludi li l-gomma tal-gwar li jkun fiha livell ta' PCP taħt il-Limitu Massimu tar-Residwi (MRL) ta' 0,01 mg/kg ma jkunx fiha livelli inaċċettabbli ta' diōssini. Għaldaqstant, meta jkun hemm konformità mal-MRL tal-PCP, din tiżgura li anki f'dan il-każ speċifiku jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fejn jikkonċerna d-diōssini.
- (14) Fir-rigward tar-regoli msemmija fil-premessa (13), id-dispożizzjonijiet dwar il-kampjunar u l-analiżijiet għall-kontroll tal-mikotossini, inklużi l-aflatossini, fl-ikel huma stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006<sup>(13)</sup> u fl-għalf mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009<sup>(14)</sup>. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kampjunar għall-kontroll uffiċjali tar-residwi tal-pestiċidi huma stabbiliti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE<sup>(15)</sup>. Bil-ġhan li jiġu żgurati metodi uniformi ta' kampjunar u analiżijiet tal-laboratorju f'pajjiżi terzi u fl-Istati Membri, il-kampjunar u l-analiżijiet għall-ikel u l-għalf mitluba minn dan ir-Regolament għandhom jitwettu skont ir-regoli tal-Unjoni msemmija hawn fuq dwar il-kampjunar u l-analiżijiet kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi terzi.
- (15) Barra minn hekk, biex ikun żgurat li hemm proċeduri uniformi ta' kampjunar u metodi ta' referenza analitiċi għall-kontroll tas-Salmonella fl-ikel soġġett għal dan ir-Regolament f'pajjiżi terzi u fl-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi proċeduri ta' kampjunar u metodi ta' referenza analitiċi.
- (16) Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf huma stipulati fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni huwa xieraq li jiġi stabbilit mudell uniku għaċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ikel u għalf soġġett għal kundizzjonijiet speċjalji għad-dħul fl-Unjoni skont dan ir-Regolament.

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

<sup>(11)</sup> Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li jorigha minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti tal-ikel, ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12.

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1).

<sup>(15)</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali u li tħassar id-Direttiva 79/700/KEE (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30).

- (17) Ċertifikati uffiċjali bħal dawn għandhom jinħarġu jew bil-miktub jew forma elettronika. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali fiż-żewġ każijiet, flimkien mar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu VII tat-Titolu II tar-Regolament (UE) 2017/625. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 90(f) tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħmel dispożizzjonijiet għall-istabbiliti mill-Kummissjoni ta' regoli għall-ħruġ ta' ċertifikati elettroniċi u għall-użu ta' firem elettroniċi inkluż fir-rigward ta' ċertifikati uffiċjali maħruġa skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, għandhom isiru dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament sabiex jiġuraw li r-rekwiżiti għaċ-ċertifikati uffiċjali li ma jiġux sottomessi fl-IMSOC stipulata fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628<sup>(16)</sup> japplikaw ukoll għal-ċertifikati uffiċjali maħruġa skont dan ir-Regolament.
- (18) Il-mudelli taċ-ċertifikati huma inklużi fis-sistema elettronika TRACES, stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE<sup>(17)</sup>, biex jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċeduri amministrattivi fil-fruntieri tal-Unjoni u biex jippermettu komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti li tgħid fil-prevenzjoni ta' praktiki froudli jew qarrieqa fir-rigward taċ-ċertifikati uffiċjali. Sa mill-2003, it-teknoloġija tal-komputjer evolviet b'mod konsiderevoli u s-sistema TRACES għet-immodifikata biex ittejjeb il-kwalità, l-ipproċċassar u l-iskambju sigur tad-data. Skont l-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625, is-sistema TRACES għandha tkun integrata fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali msemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625 (IMSOC). Għaldaqstant, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat f'dan ir-Regolament għandu jiġi adattat għall-IMSOC.
- (19) Il-punt (c) tal-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistipula, permezz ta' atti ta' implementazzjoni, regoli dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin u l-abbuż, huwa importanti li jiġu definiti l-każijiet fejn jista' jinħareġ ċertifikat uffiċjali kif ukoll ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn tali ċertifikat. Każijiet bħal dawn ġew stipulati fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/628 fir-rigward ta' ċertifikati uffiċjali maħruġa skont dan ir-Regolament. Bil-għan li jiġi żgurat approċċ koerenti, huwa xieraq li jiġi previst li, fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni, ċertifikati uffiċjali maħruġa skont dan ir-Regolament għandhom jiġu sostituti skont il-proċeduri għaċ-ċertifikati ta' sostituzzjoni stipulati fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/628
- (20) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex regolarmen jirrevedu jekk modifikasi tal-listi maħruġa fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament, inkluż tal-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fizċi, humiex meħtieġa. Dan għandu jqis informazzjoni ġdida relatata mar-riskji u n-nuqqas ta' konformità, bħad-data li tirriżulta minn notifikasi li jaślu mis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF), data u informazzjoni dwar kunsinni u r-riżultati tal-kontrolli dokumentarji, tal-identità u fizċi kkomunikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, rapporti u informazzjoni rċevuti minn pajjiżi terzi, informazzjoni li tirriżulta mill-kontrolli li jitwettqu mill-Kummissjoni f'pajjiżi terzi u informazzjoni skambjata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.
- (21) Ir-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 34(6)(a), 47(2)(b), u 54(4)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 huma sostanzjalment marbuta peress li kollha jikkonċernaw rekwiżiti dwar il-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni fuq ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni u għalhekk għandhom japplikaw mill-istess data. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni korretta u komprensiva ta' dawn ir-regoli, huwa xieraq li dawn jiġu stabbiliti fatt wieħed.
- (22) Ir-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 54(4)(b) u 90 (c) tar-Regolament (UE) 2017/625 u mal-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 huma sostanzjalment marbuta peress li kollha jikkonċernaw rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' oġġetti soġġetti għal miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u għalhekk għandhom japplikaw mill-istess data. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni korretta u komprensiva ta' dawn ir-regoli, huwa xieraq li dawn jiġu stabbiliti fatt wieħed.

<sup>(16)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019, li jikkonċerna mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati, ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101.

<sup>(17)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE tad-19 ta' Awwissu 2003 dwar l-iżvilupp ta' sistema kompjuterizzata integrata magħrufa bħala Traces (ĠU L 216, 28.8.2003, p. 58).

- (23) Għall-iskopijiet tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni, ir-regoli stipulati fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2017/186, (UE) 2015/175 u (UE) 2018/1660 huma konsolidati f'dan ir-Regolament. Dawn ir-Regolamenti għandhom għalhekk jitħassru u jiġu sostitwiti b'dan ir-Regolament.
- (24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA 1

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI**

Artikolu 1

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

- (a) il-lista ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġett għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni, stabiliti fl-Anness I, jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM u l-klassifikazzjoniċi TARIC stipulati f'dan l-Anness, skont l-Artikolu 47(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/625;
- (b) kundizzjonijiet speċjali li jirreglaw id-dħul fl-Unjoni tal-kategoriji li ġejjin ta' kunsinni tal-ikel u għalf minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, ir-residwi tal-peściċidi, il-pentaklorofenol u d-diċċi sini u l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, skont l-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002:
  - (i) kunsinni ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn pajjiżi terzi jew partijiet minn dawn il-pajjiżi terzi elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness II u li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM u l-klassifikazzjoniċi TARIC stipulati f'dak l-Anness;
  - (ii) kunsinni ta' ikel li fihom xi wieħed mill-ikel elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness II minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini fi kwantità ta' aktar minn 20 % ta' jew prodott wieħed jew bħala t-total ta' dawn il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM stipulati fit-tabella 2 ta' dan l-Anness;
- (c) regoli dwar il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u l-kontrolli fiż-żiċċi għall-kunsinni ta' ikel u għalf imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;
- (d) regoli dwar il-metodi li għandhom jintużaw għall-kampjunar u għall-analizjiet tal-laboratorju għall-kunsinni tal-ikel u għalf imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, u skont l-Artikolu 34(6)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625;
- (e) regoli dwar il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali meħtieġ li jakkumpanja l-kunsinni ta' ikel u għalf imsemmija fil-punti (b) ta' dan il-paragrafu u r-rekwiżiti għat-tali ġġi tħalli uffiċjali, skont l-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (f) regoli għall-ħruġ ta' ġġi tħalli uffiċjali ta' sostituzzjoni meħtieġa biex jakkumpanjaw kunsinni ta' ikel u għalf imsemmija fil-punti (b) ta' dan il-paragrafu, skont l-Artikolu 90(c) tar-Regolament (UE) 2017/625.

2. Dan ir-Regolament japplika għal kunsinni ta' ikel u għalf imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 maħsuba għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-kategoriji li ġejjin ta' kunsinni ta' ikel u għalf sakemm il-piż gross tagħhom ma jaqbix it-30 kg:

- (a) kunsinni ta' ikel u għalf mibgħuta bħala kampjuni kummerċjali, kampjuni tal-laboratorju jew bħala oġġetti għall-wiri għal esibizzjonijiet, li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq;
- (b) kunsinni ta' ikel u għalf li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-passiġġieri u li jkunu maħsuba għall-konsum jew l-użu personali;

- (c) kunsinni mhux kummerċjali ta' ikel u għalf mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq;
- (d) kunsinni ta' ikel u għalf maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.

4. Dan ir-Regolament ma japplikax għal ikel u għalf imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 abbord mezzi ta' trasport li joperaw fuq livell internazzjonali li mhumiex bla tagħbiha u li huma maħsuba għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri.

5. F'każ ta' dubju dwar l-użu maħsub tal-ikel u għalf imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu (3), l-oneru tal-prova huwa tas-sid tal-bagalja personali u tar-riċevitħ tal-kunsinna, rispettivament.

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) "kunsinna" tfisser "kunsinna" kif definit fl-Artikolu 3(37) tar-Regolament (UE) 2017/625;
  - (b) "tqegħid fis-suq" tfisser "tqegħid fis-suq" kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.
2. Madankollu, għall-iskopijiet tal-Artikoli 7, 8, 9, 10 u 11 u tal-Anness IV, "kunsinna" tfisser:
  - (a) "lott" kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 401/2006 u fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 152/2009, fir-rigward ta' ikel u għalf elenkat fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inkluż l-aflatossini;
  - (b) "lott" kif imsemmi fl-Anness tad-Direttiva 2002/63/KE, fir-rigward ta' ikel u għalf elenkat fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-peściċidi, inkluż il-pentaklorofenol.

## Artikolu 3

### Kampjunar u analizjiet

Il-kampjunar u l-analizjiet li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-punti ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, bħala parti mill-kontrolli fiżiċi fuq kunsinni ta' ikel u għalf imsemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u (b), jew f'pajjiżi terzi għall-iskopijiet tar-riżultati tal-analizjiet li jridu jakkumpanjaw il-kunsinna ta' ikel u għalf imsemmija fl-Artikolu 1(1)(b) kif previst f'dan ir-Regolament għandhom jitwettqu skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) għal ikel elenkat fl-Annessi I u II minħabba riskju possibbli ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, il-kampjunar u l-analizjiet għandhom jitwettqu skont ir-Regolament (KE) Nru 401/2006;
- (b) għal għalf elenkat fl-Annessi I u II minħabba riskju possibbli ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, il-kampjunar u l-analizjiet għandhom jitwettqu skont ir-Regolament (KE) Nru 152/2009;
- (c) għal ikel u għalf elenkat fl-Annessi I u II minħabba l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-livelli massimi permessi ta' residwi tal-peściċidi, il-kampjunar għandu jitwettaq skont id-Direttiva 2002/63/KE;
- (d) għal ikel u għalf elenkat fl-Anness II minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni bil-pentaklorofenol u dijossini, il-kampjunar għall-analiżi tal-pentaklorofenol għandu jsir skont id-Direttiva 2002/63/KE u l-kampjunar u l-analizjiet għall-kontroll tad-dijossini fl-għal għandhom isiru skont ir-Regolament (KE) Nru 152/2009;
- (e) għal ikel elenkat fl-Annessi I u II minħabba r-riskju ta' preżenza tas-Salmonella, il-kampjunar u l-analizjiet għall-kontroll tas-Salmonella għandhom jitwettqu skont il-proċeduri ta' kampjunar u l-metodi ta' referenza analitika stipulati fl-Anness III;

- (f) il-metodi ta' kampjunar u l-analiżijiet imsemmija fin-noti f'qiegħ il-paġna tal-Annessi I u II għandhom jiġu applikati fir-rigward ta' perikli minbarra dawk imsemmija fil-punti (a), (b), (c), (d) u (e).

#### *Artikolu 4*

##### **Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera**

L-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu biss ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' kunsinni ta' ikel u għalf elenkat fl-Annessi I u II fuq preżentazzjoni ta' Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) iffinalizzat b'mod xieraq kif pre-vist fl-Artikolu 57(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/625, li jikkonferma li l-kunsinna hija f'konformità mar-regoli applikabbi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.

#### TAQSIMA 2

##### **ŻIEDA TEMPORANJA FIL-KONTROLI UFFIċJALI FIL-POSTIJIET TA' KONTROLL FUQ IL-FRUNTIERA JEW FIL-PUNTI TA' KONTROLL FUQ ĊERTU IKEL U GĦALF MINN ĊERTI PAJJIŻI TERZI**

#### *Artikolu 5*

##### **Listo ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali**

- Kunsinni ta' ikel u għalf elenkti fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli ufficijal fil-postiġiet ta' kontroll fuq il-fruntiera mad-dħul tagħhom fl-Unjoni u fil-punti ta' kontroll.
- L-identifikazzjoni tal-ikel u l-għalf imsemmi fil-paragrafu 1 għal kontrolli ufficijal għandha ssir fuq il-bażi tal-kodiċċijet min-Nomenklatura Magħquda u s-subdiviżjoni ta' TARIC indikata fl-Anness I.

#### Artikolu 6

##### **Frekwenza ta' kontrolli tal-identità u kontrolli fizċi**

- L-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera u fil-punti ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 għandhom jagħmlu kontrolli tal-identità u kontrolli fizċi, inkluż kampjunar u analiżijiet tal-laboratorju, fuq kunsinni ta' ikel u għalf elenkti fl-Anness I, bil-frekwenza stabbilita f'dan l-Anness.
- Il-frekwenza tal-verifikasi tal-identità u dawk fizċi stabbiliti f'entrata fl-Anness I għandha tiġi applikata bħala frekwenza ġenerali għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt dik l-entrata.

#### TAQSIMA 3

##### **KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI LI JIRREGOLAW ID-DĦUL FL-UNJONI TA' ĊERTU IKEL U GĦALF MINN ĊERTI PAJJIŻI TERZI**

#### *Artikolu 7*

##### **Dħul fl-Unjoni**

- Kunsinni tal-ikel u għalf elenkti fl-Anness II għandhom jidħlu fl-Unjoni biss skont il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-taqṣima.
- L-identifikazzjoni tal-ikel u l-għalf imsemmi fil-paragrafu 1 għal kontrolli ufficijal għandha ssir fuq il-bażi tal-kodiċċijet min-Nomenklatura Magħquda u s-subdiviżjoni ta' TARIC indikata fl-Anness II.
- Kunsinni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli ufficijal fil-postiġiet ta' kontroll fuq il-fruntiera mad-dħul tagħhom fl-Unjoni u fil-punti ta' kontroll.

#### Artikolu 8

##### **Frekwenza ta' kontrolli tal-identità u kontrolli fizċi**

- L-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera u fil-punti ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 għandhom jagħmlu kontrolli tal-identità u kontrolli fizċi, inkluż kampjunar u analiżijiet tal-laboratorju, fuq kunsinni ta' ikel u għalf elenkti fl-Anness II, bil-frekwenza stabbilita f'dan l-Anness.
- Il-frekwenza tal-verifikasi tal-identità u dawk fizċi stabbiliti f'entrata fl-Anness II għandha tiġi applikata bħala frekwenza ġenerali għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt dik l-entrata.

3. L-ikel kompost elenkat fit-Tabella 2 tal-Anness II li fih ikel li jaqa' taħt entrata waħda biss fit-Tabella 1 tal-Anness II għandu jkun suġġett għall-frekwenza ġeneralji tal-verifikasi tal-identità u dawk fiżiċi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II għal dik l-entrata.

4. L-ikel kompost elenkat fit-Tabella 2 tal-Anness II li fih ikel li jaqa' taħt diversi entrati għall-istess periklu fit-Tabella 1 tal-Anness II għandu jkun suġġett għall-frekwenza ġeneralji tal-verifikasi tal-identità u dawk fiżiċi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II għal dawk l-entrata.

#### Artikolu 9

##### **Kodiċi ta' identifikazzjoni**

1. Kull kunsinna ta' ikel u għalf elenkata fl-Anness II għandha tiġi identifikata b'kodiċi ta' identifikazzjoni.

2. Kull borża individwali jew forma ta' imballaġġ tal-kunsinna għandha tiġi identifikata b'dan il-kodiċi.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, fkaż ta' kunsinni ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini u fejn l-imballaġġ qed jikkombina diversi pakketi żgħar, muhuwiex meħtieġ li l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kunsinna jissemma individwalment fuq il-pakketti żgħar separati kollha sakemm jissemma tal-inqas fuq il-pakkett li jikkombina dawn il-pakketti żgħar.

#### Artikolu 10

##### **Riżultati tal-kampjunar u l-analiżżejjiet li jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz**

1. Kull kunsinna tal-ikel u l-għalf elenkata fl-Anness II għandha tkun akkumpanjata mir-riżultati tat-teħid tal-kampjunar u l-analiżżejjiet imwettqa fuq dik il-kunsinna mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' oriġini jew tal-pajjiż minn fejn ġejja l-kunsinna jekk dak il-pajjiż huwa differenti mill-pajjiż ta' oriġini.

2. Abbażi tar-riżultati msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċertaw:

(a) konformità mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 u mad-Direttiva 2002/32/KE fuq livelli massimi ta' mikotossini rilevanti, għal kunsinna ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini;

(b) konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fuq livelli massimi ta' residwi tal-peściċidi, għal kunsinna ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-peściċidi;

(c) li l-prodott ma jkunx fih aktar minn 0,01 mg/kg pentaklorofenol (PCP), għal kunsinna ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-pentaklorofenol u d-diōssini;

(d) l-assenza ta' *Salmonella* f'25 g, għal kunsinna ta' ikel elenkati fl-Anness II minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mik-robijoloġika mis-*Salmonella*.

3. Kull kunsinna ta' ikel u għalf elenkata fl-Anness II minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-pentaklorofenol u d-diōssini għandha tkun akkumpanjata minn rapport analitiku li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

Ir-rapport analitiku għandu jinkludi r-riżultati tal-analiżżejjiet imsemmija fil-paragrafu 1.

4. Ir-riżultati tal-kampjunar u l-analiżżejjiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kunsinna li huma relatati magħħom msemmija fl-Artikolu 9(1).

5. L-analiżżejjiet li jissemmew fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu minn laboratorji akkreditati skont l-istandard ISO/IEC 17025 dwar "Rekwiżiti ġeneralji għall-kompetenza ta' laboratorji ta' t-testjar u kalibrazzjoni".

*Artikolu 11***Ċertifikat uffiċjali**

1. Kull kunsinna ta' ikel u għalf elenkata fl-Anness II għandha tkun akkumpanjata minn ġertifikat uffiċjali skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV ("ċertifikat uffiċjali").
2. Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
  - (a) dan għandu jinħareġ mill-awtoritā kompetenti tal-pajjiż terz ta' oriġini jew tal-pajjiż terz fejn il-kunsinna hija kkunsinata minnu jekk dan il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż ta' oriġini;
  - (b) dan għandu jkollu l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kunsinna li huwa relatat miegħu msemmi fl-Artikolu 9(1);
  - (c) dan għandu jinħareġ qabel ma l-kunsinna li huwa relatat magħha tħalli l-kontroll tal-awtoritā kompetenti tal-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat;
  - (d) dan għandu jkun validu għal mhux aktar minn erba' xħur mid-data tal-ħruġ, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar minn sitt xħur mid-data tar-riżultati tal-analiżijiet tal-laboratorju msemija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 10.
3. Ċertifikat uffiċjali li ma jiġix sottomess fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali msemija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625 (IMSOC) mill-awtoritā kompetenti tal-pajjiż terz li joħroġ iċ-ċertifikat għandu jissodisa wkoll ir-rekwiżiti għal mudelli ta' ġertifikati uffiċjali mhux sottomessi fl-IMSOC stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implettazzjoni (UE) 2019/628.
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu ġertifikat uffiċjali ta' sostituzzjoni biss skont ir-regoli stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implettazzjoni (UE) 2019/628.
5. Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jimtela abbażi tan-noti stabbiliti fl-Anness IV.

## TAQSIMA 4

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 12***Aġġornamenti fl-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II fuq bażi regolari li ma taqbixx perjodu ta' sitt xħur, sabiex tqis informazzjoni ġidida relatata mar-riskji u man-nuqqas ta' konformità.

*Artikolu 13***Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2017/186, (UE) 2015/175 u (UE) 2018/1660 għandhom jitħassru b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019.
2. Ir-referenzi għar-Regolamenti (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2017/186, (UE) 2015/175 u (UE) 2018/1660 għandhom jiġi interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.
3. Referenzi għall-“punt tad-dħul magħżul fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009” jew għall-“punt tad-dħul magħżul” fatti oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġi interpretati bħala referenzi għal “post ta' kontroll fuq il-fruntiera” fis-sens tal-Artikolu 3(38) tar-Regolament (UE) 2017/625.
4. Referenzi għad-“dokument komuni tad-dħul (DKD) imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009”, għad-“dokument komuni tad-dħul (CED) imsemmi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 669/2009” jew għad-“dokument komuni tad-dħul (CED)” fatti oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġi interpretati bħala referenzi għad-“Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED)” imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2017/625.
5. Referenzi għad-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 3(c) tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 fatti oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġi interpretati bħala referenzi għad-definizzjoni ta’ “kunsinna” stipulata fl-Artikolu 3(37) tar-Regolament (UE) 2017/625.

*Artikolu 14***Perjodu tranzizzjonal**

1. L-obbligi tar-rapportar stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 884/2014, l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/1660, l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/175 u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/186 għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Jannar 2020.

Tali obbligi tar-rapportar għandhom ikopru l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2019.

2. L-obbligi tar-rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala sodisfaċenti fejn l-Istati Membri rreġistrat fit-TRACES id-dokumenti komuni tad-dħul maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009, ir-Regolament (UE) Nru 884/2014, ir-Regolament (UE) 2015/175, ir-Regolament (UE) 2017/186 u r-Regolament (UE) 2018/1660 matul il-perjodu ta' rappurtar stabbilit fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Kunsinni ta' ikel u għalf elenkti fl-Anness II akkumpanjati miċ-ċertifikati rilevanti maħruġa qabel l-14 ta' Frar 2020 skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 884/2014, ir-Regolament (UE) 2018/1660, ir-Regolament (UE) 2015/175 u r-Regolament (UE) 2017/186 rispettivament imdaħħla fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2019 għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni sat-13 ta' Ġunju 2020.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbi fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

## ANNESS I

**Ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u f'punti ta' kontroll**

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċi u tal-identità (%)
— ġewż tal-art (karawett), fil-qoxra	— 1202 41 00		Il-Bolivja (BO)	Aflatossini	50
— ġewż tal-art (karawett), bla qoxra	— 1202 42 00				
— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
— ġewż tal-art (karawett), ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor <b>(Ikel u għalf)</b>	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
— Bżar iswed (Piper) <b>(Ikel — imnixxef, la mfarrak u lanqas mitħun)</b>	— ex 0904 11 00	10	Il-Brażil (BR)	Salmonella <sup>(2)</sup>	20
— Frott tal-bosk goġi (wolfberries) ( <i>Lycium barbarum</i> L.) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew imnixxef)</b>	— ex 0813 40 95; ex 0810 90 75	70 10	İċ-Ċina (CN)	Residwi tal-pestiċċidi <sup>(3)</sup> <sup>(4)</sup> <sup>(5)</sup>	20
— Bżar ħelu ( <i>Capsicum annuum</i> ) <b>(Ikel — imfarrak jew mitħun)</b>	— ex 0904 22 00	11	İċ-Ċina (CN)	<sup>(2bis)</sup>	20
— Te, kemm jekk imħawwar jew le <b>(Ikel)</b>	— 0902		İċ-Ċina (CN)	Residwi tal-pestiċċidi <sup>(3)</sup> <sup>(6)</sup>	20

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiki u tal-identità (%)
— Brunġiel ( <i>Solanum melongena</i> ) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— 0709 30 00		<b>Ir-Repubblika Domini-ċana (DO)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup>	20
— Bżar ġelu ( <i>Capsicum annuum</i> )	— 0709 60 10; 0710 80 51		<b>Ir-Repubblika Domini-ċana (DO)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(10)</sup>	50
— Bżar (minbarra dak ġelu) ( <i>Capsicum spp.</i> )	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>70</b> <b>20</b>			
— Fażola twila jarda ( <i>Vigna unguiculata</i> spp. <i>sesquipedalis</i> , <i>vigna unguicu-lata</i> spp. <i>unguiculata</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>70</b> <b>10</b>			
— Bżar ġelu ( <i>Capsicum annuum</i> )	— 0709 60 10; 0710 80 51		<b>L-Eġittu (EG)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(8)</sup>	20
— Bżar (minbarra dak ġelu) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>70</b> <b>20</b>			
— ġulġlien (Żerriegħha tas-Sesamum) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— 1207 40 90		<b>L-Etjopja (ET)</b>	Salmonella <sup>(2)</sup>	50
— ġellewż bil-qoxra	— 0802 21 00		<b>Il-Georgia (GE)</b>	Aflatossini	50

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiki u tal-identità (%)
— ġellewż bla qoxra	— 0802 22 00				
— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	<b>40</b>			
— ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor <b>(Ikel)</b>	— ex 2008 19 19; ex 2008 19 95; ex 2008 19 99	<b>70</b> <b>20</b> <b>30</b>			
— Żejt tal-palm <b>(Ikel)</b>	— 1511 10 90; 1511 90 11;  — ex 1511 90 19; 1511 90 99	  <b>90</b>	<b>Il-Ghana (GH)</b>	Żebgħat tas-Sudan <sup>(9)</sup>	50
— (Ikel) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	<b>70</b> <b>30</b>	<b>L-Indja (IN)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(10)</sup>	10
— Bżar (minbarra dak ħelu) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>70</b> <b>20</b>	<b>L-Indja (IN)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(11)</sup>	20
— Ful ( <i>Vigna spp.</i> , <i>Phaseolus spp.</i> ) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— 0708 20		<b>Il-Kenja (KE)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup>	5
— Karfus Ċiniż ( <i>Apium graveolens</i> ) <b>(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)</b>	— ex 0709 40 00	<b>20</b>	<b>Il-Kambodja (KH)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(12)</sup>	50

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiki u tal-identità (%)
— Fażola twila jarda <i>(Vigna unguiculata spp. sesquipedalis, vigna unguiculata spp. unguiculata)</i> <b>(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>70</b> <b>10</b>	<b>Il-Kambodja (KH)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(13)</sup>	50
— ġdur (Brassica rapa spp. Rapa) <b>Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-hall jew l-äctu aċetiku</b>	— ex 2001 90 97	<b>11; 19</b>	<b>Il-Libanu (LB)</b>	Rodamina B	50
— ġdur (Brassica rapa spp. Rapa) <b>Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-ilma mielħa jew l-äcidiu ċitriku, mhux iffriżat</b>	— ex 2005 99 80	<b>93</b>	<b>Il-Libanu (LB)</b>	Rodamina B	50
— bżar (ħelu jew mhux) ( <i>Capsicum</i> spp.) <b>(Ikel — innixxef, mixwi, imfarrak jew mitħun)</b>	— 0904 21 10; — ex 0904 21 90; ex 0904 22 00; ex 2008 99 99	<b>70</b> <b>11; 19</b> <b>79</b>	<b>Is-Sri Lanka (LK)</b>	Aflatossini	50
— ġewż tal-art (karawett), fil-qoxra	— 1202 41 00		<b>Il-Madagascar (MG)</b>	Aflatossini	50
— ġewż tal-art (karawett), bla qoxra	— 1202 42 00				
— butir tal-karawett	— 2008 11 10				
— ġewż tal-art (karawett), ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor <b>(Ikel u għalf)</b>	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiki u tal-identità (%)
— Jackfruit (frott tas-siġra tal-Indja tal-Lvant) ( <i>Artocarpus heterophyllus</i> ) <b>(Ikel — frisk)</b>	— ex 0810 90 20	<b>20</b>	<b>Il-Malasja (MY)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup>	20
— Ġulġlien (Żerriegħha tas-Sesamum) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— 1207 40 90		<b>In-Niġerja (NG)</b>	Salmonella <sup>(2)</sup>	50
— Bżar (minbarra dak ġelu) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>70</b> <b>20</b>	<b>Il-Pakistan (PK)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup>	20
— Lampun <b>(Ikel — iffriżat)</b>	— ex 0811 20 11; ex 0811 20 19; 0811 20 31	<b>70</b> <b>10</b>	<b>Is-Serbja (RS)</b>	Norovajrus	10
— Ġulġlien (Żerriegħha tas-Sesamum) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— 1207 40 90		<b>Is-Sudan (SD)</b>	Salmonella <sup>(2)</sup>	50
— Żrieragħ tad-dulliegħ (Egusi, <i>Citrullus spp.</i> ) u l-prodotti li ġejjin minnhom <b>(Ikel)</b>	— ex 1207 70 00; ex 1208 90 00; ex 2008 99 99	<b>70</b> <b>10</b> <b>50</b>	<b>Sierra Leone (SL)</b>	Aflatossini	50
— Ġewż tal-art (karawett), bil-qoxra	— 1202 41 00		<b>Is-Senegal (SN)</b>	Aflatossini	50
— Ġewż tal-art (karawett), bla qoxra	— 1202 42 00				

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM (¹)	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiki u tal-identità (%)
— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
— ġewż tal-art (karawett), ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor <b>(Ikel u għalf)</b>	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
— ġdur ( <i>Brassica rapa</i> spp. <i>Rapa</i> ) <b>Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-hall jew l-aċtu aċetiku)</b>	— ex 2001 90 97	<b>11; 19</b>	<b>Is-Sirja (SY)</b>	Rodamina B	50
— ġdur ( <i>Brassica rapa</i> spp. <i>Rapa</i> ) <b>(Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-ilma mielħ jew l-acidiu c̊itriku, mhux iffriżat)</b>	— ex 2005 99 80	<b>93</b>	<b>Is-Sirja (SY)</b>	Rodamina B	50
— Bżar (minbarra dak ħelu) ( <i>Capsicum</i> spp.) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>70</b> <b>20</b>	<b>It-Tajlandja (TH)</b>	Residwi tal-pestiċidi (³) (¹⁴)	10
— Berquq imnixxef	— 0813 10 00		<b>It-Turkija (TR)</b>	Sulfiti (¹⁵)	10
— Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor <b>(Ikel)</b>	— 2008 50 61				
— Għeneb imnixxef (inkluż l-għeneb imnixxef imqatta' jew mgħaffeġ f'pejst, mingħajr trattament ieħor) <b>(Ikel)</b>	— 0806 20		<b>It-Turkija (TR)</b>	Okratossina A	5

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiki u tal-identità (%)
— Lumi ( <i>Citrus limon</i> , <i>Citrus limonum</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew imnixxef)</b>	— 0805 50 10		<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup>	10
— Rummien <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— ex 0810 90 75	<b>30</b>	<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(16)</sup>	10
— Bżar Ħelu ( <i>Capsicum annuum</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— 0709 60 10; 0710 80 51		<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup> <sup>(17)</sup>	10
— Lewż tal-berquq mhux ipproċessati sħaħ, mitħunin, maqsumin, imqattgħin, maħsub biex jitqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali <sup>(18)</sup> <sup>(19)</sup> <b>(Ikel)</b>	— ex 1212 99 95	<b>20</b>	<b>It-Turkija (TR)</b>	Ċjanur	50
— Bżar (minbarra dak ħelu) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	— ex 0709 60 99 ex 0710 80 59	<b>70</b> <b>20</b>	<b>L-Uganda (UG)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(3)</sup>	20
— ġuľglien (Żerriegħha tas-Sesamum) <b>(Ikel — frisk jew imkessaħ)</b>	— 1207 40 90		<b>L-Uganda (UG)</b>	Salmonella <sup>(2)</sup>	50
— ġewż tal-art (karawett), fil-qoxra	— 1202 41 00		<b>L-Istati Uniti (US)</b>	Aflatossini	10
— ġewż tal-art (karawett), bla qoxra	— 1202 42 00				

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċi u tal-identità (%)
— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
— ġewż tal-art (karawett), ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor <b>(Ikel u għalf)</b>	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
— Pistaċċi, bil-qoxra	— 0802 51 00		<b>L-Istati Uniti (US)</b>	Aflatossini	10
— Pistaċċi, bla qoxra	— 0802 52 00				
— Pistaċċi, inkaljati <b>(Ikel)</b>	— ex 2008 19 13; ex 2008 19 93	<b>70</b> <b>20</b>			
— Berquq, imnixxef	— 0813 10 00		<b>L-Użbekistan (UZ)</b>	Sulfiti <sup>(15)</sup>	50
— Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor <b>(Ikel)</b>	— 2008 50 61				
— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	<b>72</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pestiċċidi <sup>(3)</sup> <sup>(20)</sup>	50
— Ħabaq u ħabaq sagru	— ex 1211 90 86	<b>20</b>			
